MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 215/2009

**Toro Company Limited**

**Vs**

**H.F. Investments Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta rikorrenti fejn eccepiet is-segwenti:-

"*Illi fit-tlettax (13) t'April 2009 is-socjeta esponenti giet notifikata bl-Ittra Ufficcjali mahruga a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "Toro Company Limited vs H.F. Investments Ltd" bin-numru 2001/09 datata sitta (6) t'April 2009, kopja legali hawn annessa w imarkata bhala Dok. 'A'.*

*Fis-sbatax (17) t'April 2009, entro t-terminu ta' tletin gurnata prefiss mill-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta esponenti, permezz ta' nota pprezentata ai termini tal-recitat Artikolu tal-Ligi, opponiet u rrispingiet it-talba maghmula kontra taghha mis-socjeta "Toro*

*Company Limited" f'dik l-Ittra Ufficcjali bhala ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, kopja legali annessa w immarkata bhala Dok. 'B'.*

*Nonostante tali opposizjoni da parti tas-socjeta esponenti ghat-talba tas-socjeta Toro Company Limited u minkejja dak provdut fl-Artikolu 166A (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ittra Ufficcjali fl-ismijiet "Toro Company Limited vs H.F Investments Limited" xorta wahda giet reza ezekuttiva mir-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali minhabba nuqqas ta' verifika korretta.*

*In forza tat-titolu eżekuttiv rizultanti minn dik l-Ittra Ufficcjali, s-socjeta Toro Company Liimited talbet u fil-hmistax (15) ta' Mejju 2009 ottjeniet kontra s-socjeta esponenti, l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fl-ismijiet 'Toro Company Limited vs H.F. Investments Limtied" bin-numru 1529/09 ghall valur komplessiv ta' €5,365.99 .*

*Minn dak premess u mid-dokumenti annessi ma dan ir-rikors, jirrizulta ferm evidenti li t-titolu ezekuttiv tas-socjeta Toro Company Limited fil-konfront tas-socjeta esponenti huwa null u bla effett fil-ligi.*

*Konsegwentement ghalhekk jirrizulta wkoll li huwa null u bla effett fil-ligi il-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv Numru 1529/09 ottenut mis-socjeta Toro Company Limited fil-konfront tas-socjeta esponenti."*

Konsegwentement talab ghar-ragunijiet fuq premessi li:-

"*Din il-Qorti jghogobha tirrixxendi u tiddikjara null u bla ebda effett fil-ligi it-titolu ezekuttiv tas-socjeta Toro Company Limited fil-konfront taghha kif nascenti mill-Ittra Ufficcjali fl-ismijiet "Toro Company Limited vs H.F Investments Limited" bin-numru 2001/09 datata sitta (6) t'April 2009 u konsegwentement thassar ghal kollox il-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet Toro Company Limited vs V.F Investments Limited bin-numru 1529/09. Bl-ispejjez kontra s-socjeta Toro Company Limited*."

Rat id-digriet taghha tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 2009 fejn ordnat in-notifika ta' dan l-istess rikors lis-socjeta ntimata.

Rat ir-risposta tas-socjeta ntimata pprezentata fl-atti nhar l-erbgha (4) ta' Gunju 2009 fejn esponiet is-segwenti:-

"*Illi fis-sitta (6) t'April 2009, is-socjeta esponenti pprezentat l-Ittra Ufficcjali mahruga a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet Toro Company Ltd vs H.F. Investments Limited (C-17186) illi giet notifikata lis-socjeta ntimata fit-tlettax (13) t'April 2009.*
*Illi fl-erbatax (14) ta' Mejju l-Ittra Ufficcjali fl-ismijiet Toro Company Limited (C-24225) vs H.F. Investments Ltd (C – 17186) giet reza eżekuttiva mir-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali.*

*Illi 'n forza ta' titolu ezekuttiv rizultanti minn din l-imsemmija Ittra Ufficcjali fil-hmistax (15) ta' Mejju 2009 is-socjeta esponenti talbet u fit-tmintax (18) ta' Mejju 2009 <u>u mhux</u> fil-hmistax (15) ta' Mejju 2009 kif erronajament indikat fir-raba paragrafu tar-rikors datat ghoxrin (20) ta' Mejju 2009 (minghajr d-dokumentazzjoni imsemmija fit-tielet paragrafu tal-istess rikors) li permezz tieghu s-socjeta ntimata talbet sabiex is-socjeta esponenti tigi notifikata bir-rikors tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 2009 wara l-hinijiet legali.*

*Illi jigi rilevat illi sa llum is-socjeta esponenti ghadha ma gietx notifikata bid-Digriet tal-Qorti tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 2009 fejn permezz tieghu ordnat notifika b'jumejn zmien ghar-risposta.*

*Illi jigi rilevat ukoll illi l-kopja tar-rikors datat ghoxrin (20) ta' Mejju 2009 illi rceviet is-socjeta esponenti (annessi w immarkati bhala Dok. 'A') ma fihx it-timbru bid-digriet ta' din il-Qorti.*

*Illi rigward ir-rikors pprezentat fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2009 (minghajr id-dokumentazzjoni imsemmija fir-raba paragrafu tal-istess rikors) li permezz tieghu s-socjeta ntimata talbet sabiex is-socjeta esponenti tigi*

*notifikata bir-rikors tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 2009 wara l-hinijiet legali, jrid jinghad illi l-Company Secretary tas-socjeta esponenti huwa Julian Cassar Torreggiani u mhux Jeremy Cassar Torreggiani kif erronjament indikat fit-tielet paragrafu tar-rikors ipprezentat fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2009 mis-socjeta ntimata.*

*Illi jidher mit-tielet paragrafu tar-rikors datat ghoxrin (20) ta' Mejju 2009 mis-socjeta ntimata li kien hemm nuqqas ta' verifika korretta mir-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali.*
*Illi kif insenjat mill-Onorabbli Qorti, zball tar-Registratur tal-Qorti, huwa zball tal-parti w ghalhekk ghandha tkun il-parti li kontra taghha sar l-izball, li tbati l-ispejjez inkorsi u mhux is-socjeta esponenti*."

Konsegwentement, is-socjeta ntimata rrimettiet ruhha ghad-decizjoni suprema ta' din l-Onorabbli Qorti dwar it-talba tas-socjeta ntimata fir-rikors taghha tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 2009, bl-ispejjez pero a kariku tas-socjeta H.F. Investments Limited (C-17186) f'kull kaz l-ispejjez kollha ghandhom ikunu a kariku tas-socjeta H.F. Investments Limited.

Semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tas-sittax (16) ta' Gunju 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi dwar il-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fis-sens li s-socjeta Toro Company Limited kienet ipprezentat Ittra Ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra r-rikorrenti odjern H.F. Investments Limited sabiex tigbor id-debitu li kellha tiehu minghandha fl-ammont ta' hames elef euro (€5,000) u dan fis-sitta (6) t'April 2009.
Gara li s-socjeta H.F. Investments Limited giet notifikata b'din l-Ittra Ufficcjali esebita fl-atti w immarkata bhala Dok. 'A' nhar it-tlettax (13) t'April 2009 u fis-sbatax (17) t'April 2009, entro t-terminu ta' tletin gurnata previst mill-ligi, hija pprezentat nota fejn ikkonestat it-talba rikorrenti ghar-

ragunijiet hemm imsemmija fid-Dok. ‘B’ esebit f’dawn l-atti.

Illi bi żvista, din in-nota ma dahlitx fil-proceduri appositi u b’hekk gara li t-talba tas-socjeta Toro Company Limited dehret *prima faccie* inkontestata w in vista tan-notifika posittiva tas-socjeta H.F. Investments Limited, it-titolu tas-socjeta Toro Company Limited gie rez ezekuttiv. Sussegwentement, abbazi tal-istess, is-socjeta Toro Company Limited ipprezentat Mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv kontra s-socjeta rikorrenti, u issa, permezz ta’ dawn il-proceduri, s-socjeta H.F. Investments Limited, illum qed titlob li dan it-titolu ezekuttiv jigi rexiss u dikjarat null u bla effett u konsegwentement titlob lil din il-Qorti tordna it-thassir ghal kollox tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1529/09 ghall-valur komplessiv ta’ €5,365.99.

Illi s-socjeta ntimata Toro Company Limited, minn naha taghha ma tikkontestax dawn il-fatti, ghalkemm isostni li jekk ir-Registratur tal-Qorti ghamel zball u ma dahhalx in-nota fl-atti rispettivi taghhom, is-socjeta Toro Company Limited m’ghandhiex tbati hi l-ispejjez.

Jigi rilevat li s-**sub artikolu (3) ta’ l-Artikol 166A tal-Kap 12** jipprovdi s-segwenti:-

(3) “*L-Ittra Ufficcjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta’ nullità ntimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-msemmija Ittra Ufficcjali billi jipprezenta nota fl-atti ta’ dik l-Ittra Ufficcjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista’ tigi ffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta’ firma t’Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-Ittra Ufficcjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv*:”

Minn ezami ta’ dan is-sub artikolu jirrizulta minnufih li sabiex l-Ittra Ufficcjali jkollha titolu ezekuttiv, hemm bzonn li d-debitur fl-ewwel lok, jigi notifikat bl-Ittra Ufficcjali skond ir-rekwiziti tal-ligi u li ma jipprezentax risposta fi zmien tletin jum minn dakinhar tan-notifika.

F'dan il-kaz taht ezami ma jidhirx li s-socjeta H.F. Investments kellha xi nuqqas li jista jigi attribwit lilha, ghaliex effettivament, kien biss erbat ijiem wara li rcieva l-att (l-Ittra Ufficcjali) li huwa pprezenta n-nota responsiva tieghu w ghalhekk, it-titolu tal-kreditur qatt ma setgha gie rez ezekuttiv.

Jirrizulta li s-socjeta rikorrenti pprezentat dan ir-rikors odjern fl-ghoxrin (20) ta' Mejju 2009 u cioe hamest ijiem biss wara li s-socjeta ntimata pprezentat l-Mandat ta' Sekwestru kontra taghha.

**Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tiddikjara li s-socjeta Toro Company Limited m'ghandhiex titolu ezekuttiv w ghalhekk tiddikjara li l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet "Toro Company Limited vs H.F. Investments Limited" Numru 1529/09 huwa null u bla effett ghal finijiet kollha tal-ligi.**

**Illi dan qed jinghad bla pregudizzju ghar-rimedju li talvolta jista' jkollha s-socjeta Toro Company Limited kontra r-Registratur tal-Qorti u Tribunali Civili.**

**Din il-Qorti qieghda tabbraccja dak li ntqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza Citazzjoni Numru. 529/2008 moghtija fl-ismijiet <u>Anthony u Carmela konjugi Muscat vs Salvatore Sciberras</u> fit-tletin (30) t'April 2009 fejn inghad li:-**

***"Il-Qorti tibda` biex tinnota li s-sitwazzjoni difficli li ghandha quddiemha llum, hija rizultat immedjat tas-sitwazzjoni xejn felici li gie li tirrenja fir-Registru tal-Qrati Civili. Il-Qorti hawnhekk tiehu l-okkazjoni biex tissollecita d-dirigenza amministrattiva tal-Qrati biex tassigura li kull min jinghata karigi ta` natura daqshekk serja, ghandu jkollu t-tahrig kollu mehtieg, u dan qabel ma jinghata l-inkarigu, biex b'hekk jassigura li l-atti kollha li jigu pprezentati, jitpoggew fil-file relattiv taghhom."***

**L-ispejjez tal-procedura odjerna ghandha tigi sopportata mis-socjeta Toro Company Limited.**

**Tordna wkoll li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti u Tribunali Civili bil-ghan li zbalji bhal dawn li sehhew fil-procedura odjerna, ma jigux ripetuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------